MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 227/2002

Il-Pulizija
(Spettur A.P. Miruzzi)
Vs

Joseph Galea

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, naqas li jikkonforma ruhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 12 ta' Settembru, 2000, u moghtija fil-konfront tieghu inkwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza, jikkonforma ruhu mal-Ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' sitt (6) Liri Maltin ghal kull jum li matulu jkompli jonqos wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 t’Ottubru, 2002, li biha wara li rat l-Artikolu 76 tal-Att XXIII ta’ l-1998, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-penali ta’ elfejn, mija w tmienja w erbghin Liri Maltin (LM2,148) multa, rapprezentanti l-perjodu bejn it-13 ta’ Novembru 2000 u l-5 ta’ Novembru, 2001

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 t’Ottubru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, billi tilliberah minn kull htija w piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu f’ ilmenti ta’ natura legali w ilment dwar fatti w piena. L-ilmenti ta’ natura legali huma dawn :- I. l-ewwel ilment huwa dwar il-poter tad-delega tal-Kummissarju tal-Vat li skond l-artikolu 3 (2) tal-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ikkwotat mill-Ewwel Qorti jaghti poter tad-delega tal-poteri kollha , dmirijiet u funzjonijiet tal-Kummissarju lill-ufficjal pubbliku. Imma meta wiehed jara l-artikolu 83 tal-istess ligi li jitkellem specifikatament fuq il-prosekuzzjoni quddiem il-Qrati , l-akkuzi jistghu isiru f’isem u wara li jkunu “sanctioned” mill-Kummissarju . Il-kelma “sanction” hija gudizzju mqieghed fil-Kummissarju w ma jistax jigi delegat lil haddiehor . Dan il-poter bhal dak moghti lill-Avukat Generali f’ kazijiet ta’ Exchange Control u drogi w lill-Kontrollur tad-Dwana jrid jigi ezercitat minnu personalment u ma jistax jiddelegah . Kieku l-ligi kienet tghidu fl-artikolu 83 . U ghalkemm il-Kummissarju m’ ghandux bzonn ikun prezenti ghall-prosekuzzjoni tal-kawza , imma l-awtorita’ trid tigi minnu. , halli umbaghad jiddelega lil haddiehor jidher ghalih il-Qorti. 2. Il-letter to prosecute ma setghetx issir “in my name” umbaghad jidher persuna ohra li mhux il-Kummissarju tal-VAT . 3. It-tieni zball legali hu li l-Ewwel Qorti qalet li id-difiza naqset li ggib xi prova anki fuq bazi ta’ probabbilita’ , meta l-piz tal-prova jigi invertit biss fejn tghid il-ligi (Art. 39 tal-Kostituzzjoni) u ma jistax jinqaleb fuq l-akkuzat . Din kienet prova li kellha tressaq il-Prosekuzzjoni se mai . L-ilment dwar il-fatti jikkonsisti filli “nemo ad impossibilia tenetur” . Bniedem li ma jafx ilahhaq mall-formoli tal-

burokrazija w tal-esigenzi li ma kienx imdorri bihom ma jistax ikun penalment responsabbli u jekk il-mezzi u cioe' l-kapacita' li jaghmel ir-returns , ikunu f'idejn haddiehor , ma jistax ikun imwahhal ammont kbir ta' flus b'dak il-mod ; Finalment l-appellant ma kellu jbati ebda piena.

Fliet l-atti kollha processwali;

Semghet ix-xhieda ta' James Farrugia w t-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni w d-difiza fid-diversi udjenzi;

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni tal-24 ta' Jannar, 2003 u dik (telegrafika fil-qosor taghha) tad-difiza tat-30 ta' Jannar, 2003;

Ikkonsidrat ;

Illi l-l-ewwel aggravju legali jirrigwarda n-nuqqas ta' delega mill-Kummissaru tat-Taxxa Dwar il-Valur Mizjud favur ix-xhud James Farrugia biex seta' jitlob li jigu istitwiti l-proceduri odjerni . Issa l-artikolu 83 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jghid li –

"Ma ghandu jinbeda ebda procediment taht din it-Taqsima hlief minn jew bil-permess tal-Kummissarju u dawk il-procedimenti hekk mibdija jistghu f'kull zmien qabel is-sentenza finali jigu rtirati fuq talba tal-Kummissarju. "

Issa proprju wiehed mill-procedimenti kontemplat fit-Taqsima relattiva huwa dak imsemmi fl-artikolu 76 tal-Att li jghid li :-

"Kull persuna li …….tkun hatja ta' reat u tehel meta tinstab hatja , multa ta' mhux inqas minn mitt lira maltin u mhux izjed minn tlitt mitt lira maltin , u fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-qorti ghandha tordnalha biex tikkonforma ruha mall-ligi , fi zmien bizzejjed biex tkun tista' taghmel dan , izda f' kull kaz mhux aktar tard minn tlitt xhur u , fin-nuqqas min jaghmel ir-reat ikollu jhallas multa ohra ta' mhux inqas minn zewg liri Maltin u mhux aktar minn ghaxar liri Maltin ghal kull jum zmien li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi z-zmien moghti mill-Qorti ."

Il-Prosekuzzjoni li qed issir kontra l-appellant qed issir proprju taht din l-ahhar eventwalita', wara li hu allegatament naqas li jottempera ruhu mall-ordni tal-Qorti moghtija lilu bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Settembru, 2000 (fols 10 u 11 tal-process)

Issa pero' skond l-artikolu 2 tal-Att " 'Kummissarju' tfisser il-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud mahtur skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 3(1) ta' dan l-Att u kull ufficjal pubbliku jew persuna ohra li jkun inghata delega skond is-subartikolu (2) u (3) ta' dak l-artikolu meta jkun jagixxi skond dik id-delega."

Umbaghad l-artikolu 3 jiddisponi li :-

(1) L-amministrazzjoini ta' dan l-Att hija vestita fil-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ….."
(2) Il-Kummissarju jista' jiddelega lil kull ufficjal pubbliku , dritt , dmir setgha u funzjoni ohra li tkun fih vestita , lilu moghtija jew imqeghda fuqu b'dan l-Att .
(3) Il-Kummissarju jista' jiddelega lil kull persuna ohra kull dritt, dmir, setgha u funzjoni ohra li tkun fih vestita, lilu moghtija jew imqeghda fuqu b'dan l-Att, hekk kif il-Ministru jista' bil-miktub jordna."

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti minn imkien fil-ligi in ezami ma jidher li l-poter tad-delega hu eskluz fil-kaz tal-artikolu 83 kif qed targumenta d-difiza tal-appellant. Id-dispozizzjoni generika kontenuta fl-artikolu 3 tal-ligi hi "all embracing" u ma taghmilx distinzjoni bejn funzjoni u funzjoni ohra . "Ubi lex voluit , dixit". Anzi jidher car mid-dicitura adoperata fl-artikolu 83 li dawn il-procedimenti jistghu jimbdew kemm "minn" "jew bil-permess tal-Kummissarju" u dan necessarjament ifisser li jistghu jimbdew sahansitra minn haddiehor purche' bil-permess tieghu , ghaliex altrimenti il-"kliem "bil-permess tal-Kummissarju" kien ikun tautology u cioe' zejjed u superfluwu. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti biex jinbdew proceduri bhal dan odjern hu bizzejjed li jkun hemm l-agir ta' xi ufficjal pubbliku bhal ma hu x-xhud James Farrugia u mhux rikjest l-intervent tal-Kummissarju personalment. Issa fil-kaz in ezami dawn

bdew fuq talba iffirmata minn ufficjal pubbliku addett mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud , ix-xhud James Farrugia, li xehed li kien delegat verbalment biex jaghmel dan . L-espressjoni : “or with the sanction of the Commissioner” fit-test Ingliz li ghaliha ghamel riferenza l-appellant fir-rikors tal-appell , ma zzid ebda portata jew sinifikat fuq it-test Malti li jghid “jew bil-permess tal-Kummissarju” u dan it-test illum jipprevalixxa fuq it-test Ingliz f’meterja ta’ Interpretazzjoni. L-espressjoni “jew bil-permess” tfisser dak li hu ovvju u wiehed ma jridx jaqra f’din l-espressjoni xi sinifikat ulterjuri li qed jipprova jattribwilu l-appellant.

Ghalhekk din il-Qorti ma tara li hemm xejn irregolari f’dan ghax il-ligi fl-artikoli 2 u 3 taghha taghmilha possibbli li l-Kummissarju jiddelega l-poteri kollha tieghu w dawn ghandhom jinkludu dawk fih vestiti fl-artikolu 83 fuq citat .

Pero’ fil-kors tat-trattazzjoini orali quddiem din il-Qorti , d-difiza marret oltre minn hekk u qed tobbjetta li tali delega , ad validitatem , trid tkun saret bil-mitub , haga li f’dan il-kaz partikolari ma jirrizultax li saret , ghalkemm ix-xhud James Farrugia jghid li kellu delega verbali biex jipprocedi f’ dawn il-kazijiet quddiem il-Qrati . Di fatt dax-xhud xehed li hu kellu delega bil-miktub mill-ewwel Kummissarju tal-VAT is-Sur Joseph Portelli, pero’ dan id-dokument ma setax isibu. Kien umbaghad delegat verbalment mill-Kummissarji u Agenti Kummissarji li segwewh u cioe’ it-tieni Joseph Portelli, George Catania u fl-ahhar Oliver Vassallo. Fl-ahhar stadju tal-process quddiem din il-Qorti ix-xhud esebixxa ukoll dokument li jgib id-data tal-20 ta’ Mejju, 2003, iffirmat minn Oliver Vassallo , Commissioner of Vat li jghid testwalment hekk :-

“TO WHOM IT MAY CONCERN“
“I hereby confirm that Mr. James Farrugia , Assistant Director Policy, Legal and Enforcement Section of the VAT Department , is and has always been authorised in terms of subarticle (2) of Article 3 of the Value added Tax act , 1998 ,to sign on my behalf , authorities to prosecute as required by subarticle (1) of article 83 of the said Act.”

Illi anki hawn l-appellant ma jidhirx li hu sorrett mill-ligi jew minn xi kazistika . Meta l-ligi fl-artikolu 2 u 3 issemmi d-delega favur xi ufficjal pubbliku ma tesigix li din tkun bil-miktub . Meta umbaghad issemmi delega favur xi hadd iehor li ma jkunx ufficjal pubbliku l-ligi tghid li dan jista' jkun persuna li jkun hekk ordnat mill-Ministru bil-miktub . Dan juri car li fejn il-ligi riedet li xi haga ssir bil-miktub , qalitu car u tond . Hija l-ordni tal-Ministru li tghid li persuna ,li ma tkunx ufficjal pubbliku, ghandha tigi delegata mill-Kummissarju li trid tkun bil-miktub, u mhux id-delega li jaghmel il-Kummissarju . Ghalhekk fl-assenza ta' xi dispozizzjoni "ad hoc" tal-ligi , ma jidher li hemm xejn li timpedixxi lill-Kummissarju li jaghmel tali delega anki verbalment .
Illi umbaghad irrizulta mid-depozizzjoni ta' James Farrugia mhux kontradetta li hu kellu tali delega verbali fiz-zmien meta bdew il-proceduri odjerni w, fil-fehma ta' din il-Qorti, tali prova hija sufficjenti . Jekk id-difiza riedet tikkontradixi jew tirribatti din il-prova , setghet liberament tingungi lill-Kummissarju jew Kummissarji koncernati w tistaqsihom jekk James Farrugia kienx gie verament delegat minnhom verbalment biex jagixxi . Dan l-appellant naqas li jaghmlu. Hawn mhux il-kaz li qed jigi spostat l-oneru tal-prova , kif qed jilmenta l-appellant , imma l-kaz li jekk id-difiza ghandha dubju mill-veracita' ta' prova maghmula bix-xiehda guramentata ta' James Farrugia , tirribattiha bil-mezzi miftuha lilha w cioe' billi ggib prova kuntrarja. F'dan is-sens ghandha tiftiehem dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti rrimarkat li d-difiza lanqas biss ma ghamlet tali prova fuq bazi ta' probabbilta' u mhux fis-sens li kienet qed tisposta l-oneru tal-prova fuq l-appellant. Ghalhekk anki dan l-ilment jidher mhux fondat.

Illi dwar id-dicitura uzata fil-"letter to prosecute" jigi osservat li l-ittra hija iffirmata minn James Farrugia "Ghall-Kummissarju tal-VAT" u tiftah bil-kliem "Nitolbok tipprocedi kriminalment f'ismi kontra" (Dok. JF 1. Fol. 8) u fil-parti li biha tibda l-akkuza fiha l-kliem : "Fuq talba tal-Kummissarju ta' t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" . Id-difiza tissottometti li il-"LETTER TO PROSECUTE" ma setghetx issir "in my name" umbaghad jidher isem persuna ohra li mhux il-Kummissarju tal-Vat . L-Ewwel Qorti irriteniet li

dan l-argument kien frivolu. Hu minnu li idealment u kosmetikament kien ikun ahjar kieku fl-abbozzar tal-“letter to prosecute” intuzat frazeologija differenti bhal nghidu ahna : “Kif delegat mill-Kummissarju tal-VAT u ghan-nom tieghu qed nitolbok….” , pero’ jekk wiehed jara li min talab li jittiehdu proceduri f’ismu , iffirma “ghall-Kummissarju tal-VAT” , jidher car ghan-nom ta’ min kienet qed issir it-talba w li ma kienetx qed issir f’isem ix-xhud James Farrugia personalment imma f’ismu bhala firmatarju ghall-Kummissarju . U anki jekk kien hemm xi dubju , li fil-fehma ta’ din il-Qorti ma hemmx , l-ewwel sentenza tac-citazzjoni li kien qed jintalab li tinhareg min kiteb l-ittra kienet tghid : “Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud akkuzat” li juri b’mod car ghan-nom ta’ min kienet qed issir it-talba biex jinbeda l-procediment.

Illi l-procedura stipulata fl-artikolu 83 hija intiza biex ma jittiehdux passi mill-Pulizija hlief fejn ikun indikat mid-Dipartiment tal-Vat tramite il-Kummissarju jew xi persuna delegata minnu , u mhux biex jaghti lok ghal kavillar zejjed da parti ta’ “tax payers” li ma jonorawx l-obbligi taghhom skond il-ligi. Ladarba f’dan il-kaz jidher car li l-Kummissarju kellu kull dritt li jiddelega lil James Farrugia biex jipprocedi u li dan James Farrugia kellu delega verbali biex jaghmel dan, il-vot tal-ligi gie sodisfatt u l-proceduri ntavolati kontra l-appellant odjern kienu validi w regolari skond il-ligi.

Illi dwar il-fatti James Farrugia gharaf lill-appellant bhala l-persuna li kienet instabet hatja mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Settembru, 2000 u kkonferma li hu ma kienx ottempera ruhu mall-ordni tal-Qorti hemm kontenut entro t-terminu ta’ xaharejn lilu moghti . L-argumenti tad-difiza bbazati fuq l-impossibilita’ li jwettaq dak li gie lilu ordnat, apparti li mhuma sorretti minn ebda prova , ghax l-appellant la xehed u lanqas gab xi prova in sostenn ta’ dan, u ghalhekk huma biss asserzjonijiet gratuwiti , ma jikkonvincux . Il-ligi fiskali qeghda hemm ghal kullhadd , kemm ghal min hu litterat u kif ukoll ghal min hu llitterat , kemm ghal min hu tajjeb fil-kontabilita’ kif ukoll ghal min mhux. Min hu llitterat jew mhux kapaci li jzomm kontijiet u

jimla formoli , jista jitlob u jottjeni l-assistenza tad-Dipartiment jew ta’ xi accountant privat u, jekk dan tal-ahhar ma jaqdihx, isib u jqabbad iehor. Altrimenti kieku min jilghaba tal-hmar , anki jekk l-introjti tieghu jkunu ferm u ferm akbar minn ta’ haddiehor li jkun litterat , jispicca jevadi l-obbligi tieghu fiskali a skapitu ta’ min hu onest u regolari fl-affarijiet ta’ taxxa w kontabilita’.

L-appellant kellu ordni cara w espressa mill-Ewwel Qorti biex jottempera ruhu entro zmien ragonevoli ta’ xaharejn u jibghat id-denunzja tat-taxxa ghaz-zmien ta’ taxxa li ntemm fit-30 t’April, 1999. Sa meta nqatghet il-kawza fit-12 ta’ Settembru, 2000 u addirittura sal-5 ta’ Novembru, 2001 dan baqa’ ma ghamlux ! F’ dan iz-zmien kollu ta’ aktar minn sentejn u nofs , kieku ried , altru milli kellu zmien bizzejjed biex isib l-ghajnuna w jigi in regola jekk veru ma jafx jimla formoli . Jidher pero’ mill-fedina penali voluminuza tal-appellant li l-izregolatezza f’affarijiet bhal dawn hi l-“order of the day” u li hu jaddotta atteggjament ta’ x’ jimpurtani fejn jidhlu taxxi, regolamenti w kull xorta ta’ restrizzjoni fuq l-attivita’ kummercjali tieghu . Illi apparti li hu suppost li gja kien qed izomm xi forma ta’ kontabilita’ ghall-fini tal-ligi dwar it-Taxxa fuq l-Income u tac-C.E.T. u ghalhekk id-dhul mill-gdid tal-ligi tal-VAT mhux suppost li pprezentalu xi diffikolta’ gdida nsormontabbli , l- appellant addirittura jidher li wera certa nonkuranza fil-gestjoni tal-affarijiet fiskali tieghu . Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. John Gauci” (30.5.2002) “Il-Ligi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, bhal hafna ligijiet fiskali ohra , hija rigoruza ghall-ahhar fl-esekuzzjoni w implimentazzjoni taghha w c-cittadin li ma jirrispettax it-termini minnha imposti hu soggett ghall-pieni w penali li f’hafna kazijiet huma irriversibbli . Ghalhekk hu fl-interess tac-cittadin li jikkonforma ruhu ma dawn it-termini u , jekk ghal xi raguni ma jistax jaghmel dan, imur id-Dipartiment u jesponi il-kaz tieghu w jitlob direttivi w assistenza.”

Illi ladarba l-imputazzjoni tirrizulta b’mod lampanti u li ghalhekk l-appellant inkorra l-penali ta’ sitt liri Maltin (LM6) kulljum ghall-periodu kollu mit-13 ta’ Novembru, 2000 sal-5 ta’ Novembru, 2001 skond ic-citazzjoni kif korretta , din il-Qorti ghandha idejha marbuta u ma tistax hlief

tikkonferma s-sentenza appellata w ma tista' bl-ebda mod , anki kieku kien il-kaz - li mhux , taghmel xi temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------